**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 8/4 - IL-ĠIMGĦA 20 TA' SETTEMBRU 2019**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-17.45pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Sindku |
| ċ | Christopher Deguara | Viċi Sindku |
| | Marlon Brincat | Kunsillier |
| | Mark Anthony Deguara | Kunsillier |
| | Joseph Spiteri | Kunsillier |
| | Ivan Gaffiero | Kunsillier |
| | Stephen Abela | Kunsillier |
| Assenti b'apoloġija: | Maryanne Cuomo | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| Uffiċjali preżenti: | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Louise Mallia | Uffiċċjal Eżekuttiv |

**1. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li rċieva e-mails mingħand il-Kunsillieri Gatt u Cuomo fejn spjegaw ir-raġunijiet għalfejn ma setgħux jattendu għall-laqgħa. Ir-raġunijiet kienu ġustifikati.

**2. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

2.1. Il-minuti kienu kkunsidrati moqrija u ġew approvati wara proposta mill-Kunsillier Abela, issekondata mill-Viċi-Sindku, Christopher Deguara.

**3. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

3.1. Is-Sindku infurmat li fit-22 ta' Awwissu saret il-laqgħa ta' kordinazzjoni tal-festa. Għaliha kienu preżenti s-Sindku, s-Supretendent, il-Maġġur, 2 rappreżentanti tal-LESA, rappreżentanti tal-kumitat-tal-festa, is-SE u l-Kunsillier Gatt.

3.2. Fit-22 ta' Awwissu s-Sindku kellha wkoll laqgħa mal-Greenpak fejn kienu preżenti flimkien magħha, is-SE, il-Viċi-Sindku u l-Kunsillier Brincat. Matul il-laqgħa ġew diskussi xi diffikultajiet fil-proposta tagħhom, li mbagħad ġew kjarifikati u qed ikun rakkomandat li tintagħżel il-proposta tagħhom.

3.3. Fil-11 ta' Settembru, s-Sindku kellha l-laqgħa tar-Reġjun Tramuntana fejn semmiet il-problema ta' skart illegali. Hi pproponiet li għall-laqgħa li jmiss tar-Reġjun ikun mistieden is-Segretarju Parlamentari l-Onor. Silvio Parnis.

3.4. Fil-11 ta' Settembru, s-Sindku kellha laqgħa mas-Sinj. Anne Bharwani minn IDEA Group, dwar l-iżvilupp fl-edukazzjoni għall-Kunsillieri u l-amministrazzjoni. Dawn qed joffru kors ta' Masters fil-governanza li se jibda f'Ottubru li ġej. Avviż dwar dan kien ġie ikkomunikat fil-ġimgħat li għaddew mingħand l-AKL. Huma joffru wkoll korsijiet oħrajn.

3.5. Fit-13 ta' Settembru is-Sindku kellha laqgħa ma' importatur ta' dawl dekorattiv għall-Milied. Jekk ikun meħtieġ, il-Kunsill jgħaddilu lista bix-xewqat tiegħu biex ikun jista' jibgħat il-kwotazzjonijiet tiegħu.

3.6. Fis-16 ta' Settembru, s-Sindku ltaqgħet ma uffiċċjal tal-LESA fejn uriet id-diżappunt tagħha dwar kif aġixxew il-gwardjani fil-jiem tal-festa u fuq in-nuqqas ta' infurzar madwar il-lokalità. Minn naħa tiegħu wiegħed li f'ċerti ġranet se jkun hemm gwardjani pajżana jduru fl-inħawi taċ-ċentru tan-Naxxar. Hu qal li qed jingħataw ċitazzjonijiet lil dawk li jinqabdu joħorġu l-iskart barra matul il-lejl. Is-Sindku tenniet li dawn kienu għaddewlha informazzjoni skorretta dwar taħrikiet u għalhekk hi wriet l-għadab tagħha mal-Kap Eżekuttiv tal-LESA peress li dan inħass li ma kienx aċċettabbli.

3.7. Fid-19 ta' Settembru, s-Sindku kellha laqgħa mal-Perit Muscat li waqtha ġew diskussi l-istadji ta' numru ta' proġetti.

3.8. Ġnien Il-Ħamrija – minħabba li minn bejn il-perjodu tal-offerti sakemm beda x-xogħol il-perit ressaq suġġerimenti għal tibdil li jmur lil hinn minn dak ippjanat fil-bidu, il-Perit ta l-parir li l-kunsill japplika għal permess sommarju. L-applikazzjoni ġiet sottomessa iżda nħass li jkun aħjar jekk il-kuntrattur jitwaqqaf sakemm ikun hemm il-permessi f'idejn il-kunsill li qed jistennihom fi żmien qrib.

3.9. Triq Santa Luċija – Il-Periti diġà ħadmu u ddisinjaw il-proġett li jinkludi *service culverts.*

3.10. Tibdil tal-bankina fil-parti ta' fuq ta' Vjal il-Labour – Id-disinji kienu tlestew u l-kuntrattur kien lest li jibda xi xhur ilu. Però minħabba li se jkollhom jinbidlu s-servizzi tal-ilma, u peress li dan jieħu ammont ta' żmien, u anki għaliex se jkollha toħroġ sejħa għall-offerti għal dwal ġodda, inħass li ma kienx iż-żmien opportun li tinqala' l-bankina u jitħarbtu n-negozju. Il-kunsill ried jaċċerta li dwar dan ikun hemm ftehim fid-dettall man-negozjanti.

3.11. Il-Pjazza – Dawk kollha fil-Kunsill preċedenti jafu li l-Kunsill kien diġà qiegħed jaħdem fuq pjan sħiħ għal tisbieħ fil-Pjazza. Dak iż-żmien kien hemm qbil li l-Kunsill jikkonferma naħa waħda tal-bankina iżda issa qiegħed jinħass li, fid-dawl ukoll li qed jiġi ppjanat il-proġett ta' Triq Santa Luċija, ma jkunx jagħmel sens li dawn il-proġetti jiġu ttrattati biċċa biċċa. Flimkien mal-perit is-Sindku tħoss li l-proġett tal-pjazza għandu jkun wieħed ħolisitku u approvat bħala tali li iżda jkun jista' jiġi implimentat f'fażijiet. B'dan il-mod ikun hemm armonija fl-istil taċ-ċentru tan-Naxxar kollu. Aktar dettalji jingħataw lill-Kunsill meta l-proġett jittella' għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

3.12. Outdoor gym – Dwar dan il-Kunsill kellu diġà l-permessi meħtieġa iżda kif jafu l-Kunsillieri preċedenti kien hemm qbil li jinbidel il-pjan. Il-kunsill kien ingħata l-parir mill-Perit li jista' jinbeda x-xogħol u sadanittant issir applikazzjoni għal *minor amendments*, xi ħaġa li ssir b'mod normali. Madanakollu, minħabba li żviluppat il-

ħtieġa li jitħaffru trinek li kienu jeħtieġu permessi minn TM, inġibdet l-attenzjoni li x-xogħol ma kienx skont il-permessi approvati u għalhekk ingħata l-parir li tiddaħħal l-applikazzjoni ġdida qabel previst. Għalhekk il-kunsill issa qed jistenna l-approvazzjoni mill-PA.

3.13. Rinovar tal-ġnien f'Labour Avenue – Il-Periti qed jiffinalizzaw il-pjanti għalkemm jinsabu fi stat avvanzat, Għall-benefiċċju tal-kunsillieri ġodda, is-Sindku spjegat l-għan tal-proġett. Il-kunsillier Brincat talab li jkun preżenti għal-laqgħat marbuta mal-proġetti, però ġie spjegat lilu wkoll li ma kienx hemm żmien biżżejjed biex jiġi avżat għax il-laqgħa saret malajr. Madanakollu kien meqjus li t-talba tiegħu hija ġustifikata u fil-futur isir dak kollu possibli biex il-Kunsillier responsabbli jkunu infurmati.

3.14. Restawr tal-Mitħna – Il-Periti ħadmu biex għamlu disinn ġdid tal-lift u taw pariri dwar id-dawra tal-Mitħna. Aktar informazzjoni se tingħata mis-SE bħala parti minn tweġiba għal mistoqsija mill-Kunsillier Spiteri

3.15. Laqgħa mal-pubbliku –Is-Sindku infurmat li kemm hi kif ukoll il-Kunsillier Spiteri mhux se jkunu disponibbli fid-data proposta għal-laqgħa mal-pubbliku minħabba ċirkostanza 'l barra mill-kontroll tagħhom. Peress li jkun xieraq li għal-laqgħa bħal din ikunu preżenti l-membri kollha, minkejja li taf bir-restrizzjonijiet legali ħasset li kellha titlob lis-SE biex tinstab data alternattiva. Kien maqbul li l-laqgħa ssir wara l-laqgħa tal-Kunsill fit-18 ta' Ottubru, fis-7.30pm.

3.16. Is-Sindku ġiet avviċinata minn bank lokali sabiex jisponsorizza xi proġetti fil-lokalità u għalhekk hi talbet biex ikunu restawrati żewġ statwi, dik ta' San Ġużepp u tal-Madonna tal-Karmnu.

3.17. Is-Sindku infurmat li saret applikazzjoni għar-restawr tal-Kappella ta' San Ġakbu. Kien spjegat ir-raġuni għal din l-għażla li sar wara konsultazzjoni u fuq parir tal-Għaqda Kulturali Wirt Naxxari.

3.18. Is-Sindku infurmat ukoll li saret applikazzjoni għal WIFI for you.

3.19. Is-Sindku semmiet li l-Kumitat tat-Tismija ta' Toroq ġodda ssuġġerixxa li Triq ġdida fi Triq it-Torri tal-Kaptan tissemma' għal Charles Miċeli. Il-Kunsill approva unanimament.

3.20. Is-Sindku infurmat li kienet irċeviet irċevuta mingħand l-MCCF għad-donazzjonijiet li ngħataw.

3.21. Is-Sindku irċeviet ukoll komunikazzjoni mill-Każin tal-Banda Peace b'ringrazzjament tal-preżenza waqt il-festa.

3.22. Is-Sindku tenniet id-diżappunt tagħha għall-fatt li għall-kors ta' taħriġ li sar minn AKL għal Gvernanza Tajba li kien interessanti ferm, ma kienx hemm biżżejjed attendenza mill-Kunsillieri. Infatti attendew tlieta biss, is-Sindku, il-Kunsillier Brincat u l-Kunsilliera Cuomo. Kien sar ħlas għal xejn ukoll għal kunsillier ieħor li m'attendiex. Is-SE attenda wkoll iżda fil-kapaċità tiegħu ta' President ta' ANSEK. Is-SE hawnhekk appella għall-attendenza għal dawn il-korsijiet għax importanti biex jgħinuhom iwettqu tajjeb il-karigi tagħhom.

3.23. Saru s-6.00 u l-Kunsillier Abela skuża ruħu biex jieħu telefonata.

3.24. Fis-6.05, Il-Kunsillier Abela daħal lura fil-laqgħa.

3.25. Dwar item 3a fuq l-aġenda - żoni probelmatiċi-Caravans-intbagħat tkt ref 6536, li jistaqsi min hu interessat jattendi il-laqgħa li se ssir fl-4 ta' Ottubru

3.26. Dwar 3b fuq l-aġenda - *Online permitting system* tkt ref 6378.- fejn il-kunsillieri li rrispondew tennew li jaqblu mas-sistema.

## 4. TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

4.1. Is-SE informa li kienet waslitlu mistoqsija mill-Kunsillier Spiteri. Huwa qara l-mistoqsija u ta t-tweġiba li huma annessi f'A.

## 5. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI U RAPPORTI FINANZJARJI

5.1. Il-Kunsill approva (nem con) ir-rapporti finanzjarji kif annessi f'B wara proposta mill-Kunsillier Brincat issekondata mill-Kunsillier Deguara.

## 6. ĦATRA TA' DEPUTAT SEGRETARJU EŻEKUTTIV

6.1. Is-SE spjega li wara tibdil fil-liġi, il-Kunsill jista' jaħtar bħala deputat SE anki membru mill-istaff sakemm ikun mhux anqas minn skala 11. Peress li bħalissa m'hemm ħadd f'din l-iskala, is-SE ikkonferma mal-persuna li kienet inħatret qabel u din aċċettat li terġa tkun imġedda l-ħatra tagħha bħala Deputat SE. Din hija Josette Micallef, SE tal-Kunsill Lokali Mtarfa.

## 7. RAPPORT MILL-KUMITAT TAL-FINANZI

7.1. Is-SE ippreżenta u qara r-rapport tal-kumitat tal-finanzi fejn spjega aktar fid-dettal punt 4.2 biex ikkjarifika r-raġuni għall-mistoqsija tal-kunsillier Spiteri. Ir-Rapport ġie approvat *nem con* wara proposta mis-Sindku issekondata mill-Viċi-Sindku

## 8. RAPPORT MILL-KUMITAT TAT-TALBIET U ILMENTI

8.1. IS-SE ippreżenta rapport tal-kumitat li kien meqjus moqri u ġie approvat *nem con* wara proposta mis-Sindku issekondata mill-Kunsillier Brincat.

## 9. STRATEĠIJA DWAR L-INDAFA

9.1. IS-SE ippreżenta rapport dettaljat dwar din l-istrateġija li jinkludi dettalji tal-problemi relatati. Saret diskussjoni fejn issemmew diversi ideat għall-infurzar u pjanijiet ta' manutenzjoni waqt li jkun hemm ukoll monitoraġġ ta' progress. Is-SE talab li jkun hemm *feedback* mill-kunsillieri.

9.2. Saru ħafna suġġerimenti minn kunsillieri bħal bżonn ta' insistenza dwar *towing* ta' karozzi abbandunati, fejn is-SE anki rrakkomanda biex tiġi ħaġa reġjonali; kampanji fl-iskejjel u riferiment għal awtoritajiet ogħla fost oħrajn.

9.3. Saret anki diskussjoni dwar jekk għandhomx jitneħħew il-bring-in-sites, però għad ma tteħditx deċiżjoni definittiva għax ma kienx hemm qbil. Il-Kunsill qabel li jingħata tliet ġimgħat ċans ħalli naraw ikunx hemm żviluppi fis-sitwazzjoni.

## 10. ATTIVITAJIET

10.1. Il-Kunsill qabel li l-attivitajiet ta' matul is-sena jieħu ħsiebhom il-Kunsillier Gaffiero bl-għajnuna ta' kunsilliera oħra fejn meħtieġa u mhux li jkun hemm diversi kumitati.

10.2. Saru t-7.40 u l-laqgħa għaddiet fi stadju ta' Kumitat biex jiġu diskussi l-attivitajiet ta' Jum in-Naxxar u Ġieħ in-Naxxar. F'dan il-ħin intfew il-mikrofoni. Hekk kif tkompliet il-laqgħa tal-Kunsill kien hemm qbil li l-kunsillieri għandhom jipproponu ismijiet fil-laqgħa li jmiss filwaqt li l-għaqdiet għandhom jagħmlu proposti għal unuri oħrajn li jingħataw waqt l-istess avveniment.

10.3. Dwar Halloween għandu jieħu ħsieb jikkordina l-Kunsillier Gaffiero u jsir xi ħaġa fuq l-istess linji tas-sena l-oħra.

10.4. Għal Jum In-Naxxar għandhom jintalbu kwotazzjonijiet għall-post fejn isir l-avveniment.

**11. TMIEM IL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

11.1. Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ġimgħa 18 ta' Ottubru kif kien hemm qbil iżjed kmieni u warajha eżatt, fis-19:30 issir il-laqgħa tal-lokalità.

11.2. Il-laqgħa intemmet fit-20.00

**ANNE MARIE MUSCAT FENECH ADAMI**
**SINDKU**

**PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY), MIM**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

A

## Mistoqsija mill-Kunsillier Joseph Spiteri

**Jista' s-Segretarju Eżekuttiv jinforma fejn wasal il-proċess tar-restawr tal-mitħna?**
Dan hu proġett mistenni minn ħafna nies u għallhekk kullħadd jistaqsi dwar meta se jibda u meta se jispiċċa x-xogħol.
Jista' jelabora ftit ukoll fuq kif ser jinqasam il-proċess tal-offerti (jiġifieri:- kemm se jkun hemm aktar offerti u għal liema xogħol se jkunu)?

**Is-Segretarju Eżekuttiv iwieġeb:**
L-ewwel kuntratt għar-restawr tal-bini se jkun iffirmat fil-jiem li ġejjin wara li ssir laqgħa mal-kuntrattur li ngħata l-offerta. Din il-laqgħa se ssir nhar it-23 ta' Settembru 2019.

Kif jiġi ffirmat il-kuntratt tintbagħat l-ordni biex jibda x-xogħol u jiskatta l-perjodu sakemm irid jitlesta x-xogħol li huwa ta' 30 ġimgħa.

Sadanittant għandna ppublikat l-offerti għal xogħol ta' trinek quddiem u viċin il-mitħna biex jitneħħaw il-wajers mill-faċċata tal-mitħna.

Qed isiru taħdidiet mal-Awtorità tal-Artijiet biex l-art ta' madwar il-mitħna jgħaddi f'idejn il-Kunsill. Dan jippermetti biex il-lift jiġi spustjat u ma jkunx fejn kien ippjanat qabel.

Apparti dawn jonqos, u qed naħdmu fuq l-offerti li ġejjin:
- Mekkaniżmu tal-Mitħna
- Mechanical and Engineering Works,
- Finishes
- Lift
- Audio Visual Systems

Ippreżentata waqt il-laqgħa tal-Kunsill tal-20 ta' Settembru 2019